# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1370

## tas-6 ta' Awwissu 2021

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), bis-saħħa tar-raġunijiet stipulati fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dan il-perjodu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Gerassimos THOMAS
*Direttur Ġenerali*
*Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-merkanzija | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Oġġett rettangolari ċatt (ta' madwar 2,50 m × 2,50 m) magħmul minn tessut ħafif minsuġ (100 % fibri tal-poliester) miksi minn naħa waħda bi plastik (PVC) li mhuwiex viżibbli mill-għajn, b'żippijiet meħjuta mat-trufijiet ta' tlieta min-naħat tiegħu biex jingħaqad ma' tinda.<br><br>Abbażi tal-informazzjoni fuq l-imballaġġ, dan l-oġġett huwa ppreżentat bħala ħajt tal-ġenb għal tinda. Dan huwa importat waħdu (mingħajr is-saqaf, ħitan oħra, u mingħajr struttura ta' sostenn). | 6307 90 98 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (GIR), min-Nota 7(f) tas-Sezzjoni XI u mit-test tal-kodiċijiet NM 6307, 6307 90 u 6307 90 98.<br><br>Il-klassifikazzjoni tal-oġġett bħala tarpolin taħt il-Kodiċi NM 6306 12 00 hija eskluża, għax it-tarpolini ġeneralment ikunu magħmula minn drapp tqil u jintużaw biex jipproteġu l-oġġetti mit-temp ikrah (ara wkoll in-Nota ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (NSSA) għall-intestatura 6306 (1)). Iż-żippijiet meħjuta mal-oġġett u l-materjal ħafif jindikaw li l-oġġett mhuwiex tajjeb/maħsub biex jintuża bħala tarpolin tal-kodiċi NM 6306 12 00.<br><br>Barra minn hekk, l-oġġett ma jistax jiġi kklassifikat bħala tinda taħt il-kodiċi NM 6306 22 00 minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu; l-oġġett ma għandux il-karattru essenzjali ta' oġġett sħiħ (tinda) skont it-tifsira tal-GIR 2 (a). Lanqas mhuwa evidenti mill-karatteristiċi oġġettivi tiegħu jekk l-oġġett għandux jintuża bħala parti minn tinda, gazebo jew prodott ieħor.<br><br>L-Intestatura 6307 tapplika għal oġġetti oħrajn immanifatturati minn kwalunkwe tessut, dment li ma jkunux inklużi f'intestaturi oħrajn tat-Taqsima XI. Tkopri wkoll lożor protettivi ċatti li mhumiex tarpolini u ground sheets tal-intestatura 6306 (ara wkoll in-NSSA tal-intestatura 6307, l-ewwel u t-tieni paragrafu, (8)).<br><br>Għaldaqstant, il-prodott jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 6307 90 98 bħala prodotti oħrajn manifatturati. |